# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 5 ta' Ottubru 2022**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Guramentat Numru:- 448/22 JVC**

**Christopher Apap (ID No: 321268M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri bintu Nur Saarah Anisha Binte Mikael Danial Christopher Apap (KI Nru: 0346318L)**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Christopher Apap ghannom u in rapprezentanza tal-minuri bintu Nur Saarah Anisha Binte Mikael Danial Christopher Apap li talab kif isegwi:

1. Illi l-minuri Nur Saarah Anisha Binte Mikael Danial Christopher Apap twieldet nhar it-2 ta' Settembru 2006 (ara Dok. CA1 hawn anness);

2. Illi permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Syariah tar-Repubblika ta' Singapore, datat it-13 ta' Settembru 2010, dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat li ż-żwieg ta' bejn l-esponent u l-ex mara tieghu Shakina Binte Mohamed Sani, u cioe' omm il-minuri, gie xolt u pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet (ara Dok. CA2 hawn anness);

3. Illi l-istess Qorti ordnat li l-esponent jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri (ara Dok. A2 hawn anness);

4. Illi sa mis-sena 2009 sal-lum, u cioe' ghal dawn l-ahhar tlettax (13)-il sena, il-minuri dejjem ghexet f'Malta flimkien mal-esponent missierhom;

5. Illi meta l-esponent gie biex japplika ghall-passaporti Maltin tal-minuri, isimha tant kien twil illi ma setax jigi miktub kollu fuq il-passaport Malti (ara Dok. CA3 hawn anness);

6. Illi fuq il-karta tal-identita Maltija tal-minuri hemm indikat l-isem li l-minuri hija maghrufa bih u cioe' Saarah (ara Dok. CA4 hawn anness);

7. Illi tul hajjitha sal-gurnata odjerna l-minuri dejjem żammet, ghamlet użu minn u dejjem kienet maghrufa b'isem wiehed u cioe Saarah Apap u dan kif inhu evidenzjat mis-segwenti dokumenti u kif ser jigi ampjament evidenzjat fil-mori tal-kawża:

Dok. CA5 - Kopja tal-card użata ghat-trasport pubbliku ta' Saarah Apap
Dok. CA6 - Kopja uzata ghal-librerija pubblika ta' Saarah Apap
Dok. CA7 - Kopja tal-Out Patient Service Appointment Record ta' Saarah Apap
Dok. CA8 - Kopja tal- European Health Insurance Card ta' Saarah Apap
Dok. CA9 - Kopja tal-konferma li l-minuri kienet tattendu l-Kullegg ta' Santa Tereża Imriehel datat it-2 t'Awwissu 2010;
Dok. CA10 - Kopji ta' numru ta' dokumenti marbuta mal-edukazzjoni ta' Saarah Apap datati mill-2010 sal-2021;
Dok. CA11 - Kopji ta' numri ta' dokumenti relatati mas-sahha medika ta' Saarah Apap datati mill-2017 sal-2021;
Dok. CA12 - Kopji ta' dokumenti marbuta mal-attivitajiet extra-kurrikulari ta' Saarah Apap datati mill-2013 sal-2019;

8. Illi hija x-xewqa tal-minuri Nur Saarah Anisha Binte Mikael Danial Christopher Apap li tkun maghrufa b'mod ufficjali bhala 'Saarah Apap' anke in vista' tal-fatt li hi dejjem hekk maghrufa fil-hajja socjali taghha u jixtieq li kull certifikat mahrug f'isimha jindika l-isem 'Saarah Apap';

9. Illi huwa fl-interess tal-partijiet kollha li ma jkun hemm ebda diskrepanza bil-mod ta' kif inhija maghrufa l-minuri kemm b'mod ufficjali kif ukoll fil-hajja socjali taghha;

Għaldaqstant, jgħid l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara jekk hemm bżonn, illi r-rikorrenti Nur Saarah Anisha Binte Mikael Danial Christopher Apap li twieldet nhar it-2 ta' Settembru 2006 hija magħrufa bħala 'Saarah Apap';

2. Tordna ili tali fatti jiġu riflessi b'korrezzjoni tal-Atti ta' Twelid tagħha numru 3463 tas-sena 2018 billi tordna illi l-isem tar-rikorrenti Nur Saarah Anisha Binte Mikael Danial Christopher Apap li jsir 'Saarah Apap';

3. Tordna illi tali fatt jiġi rifless b'korrezzjoni tal-Atti ta' Twelid tagħha bin-numru 3463 tas-sena 2018 billi tordna illi :

   (i) fil-kolonna intestata "Annotazzjonijiet" tal-Att tat-twelid bin-numru 3463 tas-sena 2018 jitniżżlu il-kliem "l-isem għandu jkun 'Saarah Apap' billi dan huwa l-isem li hija magħrufa bih",

   (ii) tagħti kull direttiva oħra li jidhrilha xierqa u opportuni;

4. Tordna illi kull bidla ordnata bis-saħħa ta' dina s-sentenza u in partikolari isem il-minuri u kif għandha tissejjaħ jiġi rifless f'kull att ta' stat ċivili relattiv inkluż iżda mhux limitatament għall-passaport tal-istess minuri u fejn ikun il-każ għal uliedha u d-dixxendenti tagħha.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn jssa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat illi taqra kif isegwi:

1. Illi preliminarjament, *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat tar-rikorrent;

3. Illi skont l-Att tat-Twelid tal-minuri nnumerat 3463/2018, vera kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, 'Nur Saarah Anisha Binte Mikael Danial Christopher Apap' twieldet f'Singapore fit-2 ta' Settembru 2006 lil Christopher (Mikael Danial Christopher) Apap u lil Shakina Binte Mohamed nee' Sani;

4. Illi tali Att tat-Twelid ġie rreġistrat f'pajjiżna *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, billi l-esponent ittraskriva l-informazzjoni li tinsab fl-att esteru *ad verbatim* fl-att lokali;

5. Illi mill-formola li permezz tagħha l-missier għamel ir-*Request for Birth Registration* f'pajjiżna, kopja ta' liema qed tiġi

hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 2, jirriżulta illi l-Att tat-Twelid lokali innumerat 3463/2018 in effetti jirriproduċi testwalment l-informazzjoni li tinsab fl-att tat-twelid esteru, li jinsab anness mal-istess formola, u għalhekk evidentement ma sar ebda żball u ma kien hemm ebda nuqqas da parti tal-esponent;

6. Illi mingħajr preġudizzju għal dak premess, l-esponent jissottometti illi fir-rigward tal-ewwel żewġ talbiet attriċi, huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però illi l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

7. Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, l-esponent jara li din tirreplika t-talbiet l-oħrajn tar-rikorrent u li għaldaqstant mhix meħtieġa, iżda f'każ li din ma tiġix irtirata jkun meħtieġ li r-rikorrent jitlob korrezzjoni fiha ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi l-Att tat-Twelid tal-minuri mhux tas-sena 1918 imma huwa tas-sena 2018. In oltre, f'każ li t-talba ma tiġix irtirata, fl-umli fehma tal-esponent għandhom jiġu speċifikati l-kolonni li fihom qed jintalbu l-korrezzjonijiet a skans ta' ekwivoċi;

8. Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent għandu jispeċifika

liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

9. Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi wkoll, l-esponent jirrileva illi huwa mhux responsabbli għall-ħruġ ta' dokumenti uffiċjali bħal ma huma l-passaporti, u għalhekk ma jistax jiġi ordnat iwettaq xi tibdil f'tali dokumenti uffiċjali li mhumiex fil-kompetenza tiegħu stante illi mhumiex atti tal-istat ċivili ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tal-esponent u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni esebita a fol. 80 tal-process;

Fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni vasta esebita mar-rikors guramentat tar-rikorrenti illi tevidenzja bl-aktar mod car illi l-minuri Nur Saarah Anisha Binte Mikael Danial Christopher Apap hija fil-fatt maghrufa bl-isem biss ta' Saarah u bil-kunjom Apap.

Illi mid-dokumentazzjoni esebita u kif ukoll mill-affidavit tar-rikorrent Christopher Apap, il-Qorti hija sodisfatta illi l-minuri effettivament hija maghrufa bl-isem biss ta' Saarah Apap u ghalhekk se tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

**Decizjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta′ u tiddeċiedi din il-kawża kif isegwi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sakemm dawn huma inkompatibbli ma′ dak hawn deċiż;

2. Tilqa′ l-ewwel talba u tiddikjara illi r-rikorrenti Nur Saarah Anisha Binte Mikael Danial Christopher Apap li twieldet nhar it-2 ta' Settembru 2006 hija fil-fatt magħrufa bħala 'Saarah Apap';

3. Tilqa′ t-tieni talba u tordna ili tali fatti jiġu riflessi b'korrezzjoni tal-Atti ta' Twelid tagħha numru 3463 tas-sena 2018 billi tordna illi l-isem tar-rikorrenti Nur Saarah Anisha Binte Mikael Danial Christopher Apap jsir ‘Saarah Apap';

4. Tilqa′ t-tielet talba u tordna illi tali fatt jiġi rifless b'korrezzjoni tal-Atti ta' Twelid tagħha bin-numru 3463 tas-sena 2018 billi tordna illi fil-kolonna intestata "Annotazzjonijiet" tal-Att tat-twelid bin-numru 3463 tas-sena 2018 jitniżżlu il-kliem "l-isem għandu jkun 'Saarah Apap' billi dan huwa l-isem li hija magħrufa bih",

5. Tilqa' r-raba' talba limitatament għall-atti illi huma fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jiġi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Ottubru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Ottubru 2022**